



Il-Qorti Ġenerali tadotta regoli proċedurali ġodda

Fl-1 ta' Lulju 2015, ser jidħlu fis-seħħ Regoli tal-Proċedura ġodda u testi ta' implementazzjoni ġodda¹, bil-għan li jittejjeb l-iżvolġiment tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali

Ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda

Ir-[Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti Ġenerali](#)², li huma r-riżultat ta' xogħol li nbda fl-2012, ser jissostitwixxu r-Regoli tal-Proċedura tal-1991. Matul is-snin, dawn tal-aħħar kienu ġew emendati diversi drabi sabiex id-dispożizzjonijiet proċedurali jiġu adattati u mtejbja fid-dawl tal-ħtiġijiet u tal-iżviluppi. Peress li dan l-approċċ frammentat ma setax jibqa' jintuża, kienet meħtieġa riforma kompleta, li min-naħa tagħha wasslet għal ristrutturazzjoni tat-test oriġinali u għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda. F'dan il-kuntest, kienu segwiti diversi għanijiet.

Ir-regoli proċedurali ġew **adattati għar-realtà tal-kawżi** attwalment imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali billi saret distinzjoni ċara bejn tliet kategoriji prinċipali ta' rikorsi, li kull waħda minnhom għandha l-karatteristiċi speċifiċi tagħha:

- ir-rikorsi diretti, li fil-kuntest tagħhom il-kwistjonijiet proċedurali, it-talbiet għal intervent u t-talbiet għal trattament kunfidenzjali huma partikolarment numerużi;
- ir-rikorsi fil-qasam tal-proprjetà intellettuali;
- l-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

L-isforzi, li ilhom li nbdew diversi snin sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-qorti, tkomplew fil-qasam proċedurali sabiex **tissaħħaħ il-kapaċità ta' trattament ta' kawżi, f'terminu raġonevoli u b'osservanza tar-rekwiżiti ta' smiġħ xieraq**, inkonformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³. F'dan ir-rigward, għandhom jissemmew b'mod partikolari:

- l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, għall-kawżi dwar proprjetà intellettuali, tad-dispożizzjonijiet dwar l-Imħallef uniku;
- is-semplifikazzjoni, fil-kawżi dwar proprjetà intellettuali, tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-lingwa tal-kawża u dwar l-iżvolġiment tal-proċedura bil-miktub (skambju wieħed ta' noti);
- is-semplifikazzjoni tar-regoli dwar l-intervent (ma għadhiex prevista l-ammissjoni ta' intervent meta t-talba titressaq wara l-iskadenza tat-terminu legali ta' sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠUUE), tal-avviż dwar il-preżentata tar-rikors);

¹ Id-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-formola tal-għajnuna legali u diversi check-lists.

² Wara l-approvazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-abbozz tar-Regoli tal-Proċedura ntbagħat lill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2014, kif previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE. Wara l-approvazzjoni mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2015, ir-Regoli tal-Proċedura ġew adottati mill-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Marzu 2015 u ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-23 ta' April 2015 (ĠU L 105, p. 1).

³ Artikolu 47 tal-Karta.

- il-possibbiltà, għall-Qorti Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr fażi orali tal-proċedura fir-rikorsi diretti, meta ebda waħda mill-partijiet prinċipali ma tkun talbet li tinżamm seduta għas-sottomissjonijiet orali;
- il-possibbiltà, għall-Qorti Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr fażi orali tal-proċedura fl-appelli, anki fil-preżenza ta' talba mressqa minn parti;
- il-kjarifika tad-drittijiet mogħtija lill-intervenjenti;
- it-trasferiment, favur il-Presidenti ta' awla, ta' ċerti kompetenzi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li qabel kienu mogħtija lill-awla u s-semplifikazzjoni tal-forma ta' ċerti deċiżjonijiet, billi ġew previsti każijiet ġodda fejn il-kwistjoni ma tinqatax permezz ta' digriet (pereżempju, is-suspensjoni u t-tgħaqqid ta' kawżi);
- l-indikazzjoni li l-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi fl-iqsar żmien possibbli dwar eċċezzjoni ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas ta' kompetenza, dwar talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew dwar kull kwistjoni oħra, kif ukoll dwar talba għal intervent jew dwar kontestazzjoni għal talba għal trattament kunfidenzjali.

Ġie żgurat li tiġi ggarantita **l-omoġeneità tad-dispożizzjonijiet proċedurali li jirregolaw il-kawżi mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea**, billi ttieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, filwaqt li ngħatat attenzjoni partikolari għan-natura speċifika tar-rikorsi diretti bejn, minn naħa, persuna fiżika jew ġuridika jew Stat Membru u, min-naħa l-oħra, istituzzjoni tal-Unjoni.

Il-qorti ser ikollha regoli li jippermettulha **tadotta l-mod ta' organizzazzjoni li fil-fehma tagħha jkun l-iktar adegwat fid-dawl, b'mod partikolari, tan-numru ta' Mħallfin li jikkostitwixxu u regoli intiżi li jimplementaw il-bidla fl-Istatut dwar il-ħolqien tal-pożizzjoni ta' Viċi President tal-Qorti Ġenerali.**

Ingħataw soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet proċedurali li sal-lum il-ġurnata kienu għadhom bla risposta fir-regoli proċedurali, b'mod partikolari: il-kundizzjonijiet li fihom kawża tista' tkun is-suġġett ta' riassenjazzjoni, l-adattament tat-talbiet tar-rikors fil-mori tal-kawża jew il-passi li għandhom jittieħdu wara l-produzzjoni ta' dokument fil-kuntest ta' miżura istruttorja ordnata mill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, tfasslet dispożizzjoni proċedurali speċifika sabiex tirregola t-trattament proċedurali tal-informazzjoni jew tal-annessi kunfidenzjali li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, kif ukoll id-derogi mill-prinċipju ta' kontradittorju li jistgħu jirriżultaw minn tali trattament. Madankollu, din ir-regola, li tinsab fl-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura, ser ikollha effett biss wara l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tiddetermina r-regoli ta' sigurtà għall-finijiet tal-protezzjoni ta' din l-informazzjoni.

Saret ukoll razzjonalizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet: tneħħija tar-rekwiżit formali li kien jeżiġi li l-avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat jipprova li l-mandat tiegħu kien ingħata minn persuna kkwalfikata sabiex tagħti tali mandat, abbandun tal-posta elettronika bħala mod ta' preżentata tal-atti proċedurali (sabiex jiġu evitati ċerti diffikultajiet li kienu qegħdin iqumu b'mod regolari u sabiex jiġi ffavorit l-użu tal-applikazzjoni e-Curia).

Fl-aħħar nett, mill-aspett formali, **ittejbet il-faċilità li biha jinqraw ir-Regoli tal-Proċedura** permezz tad-definizzjoni tal-kunċetti prinċipali użati, ta' ristrutturazzjoni ġenerali u tal-istabbiliment ta' titolu għal kull artikolu.

It-testi ta' implementazzjoni

B'applikazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali adottat diversi atti li ser jidhru fis-seħħ ukoll fl-1 ta' Lulju 2015.

Inkonformità mal-Artikolu 224 tar-Regoli tal-Proċedura, id-[Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali](#) ġew adottati mill-qorti fl-20 ta' Mejju 2015, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, mal-Kunsill, mal-Kummissjoni, mal-Parlament, mal-UASI u mas-CCBE. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jħassru u jissostitwixxu l-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tal-5 ta' Lulju 2007⁴ u l-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 2012⁵, jispjegaw, jippreċiżaw u jikkompletaw ċerti dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura. B'mod partikolari, dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jagħtu lir-rappreżentanti tal-partijiet indikazzjonijiet dwar il-preżentazzjoni u l-preżentata tal-atti proċedurali u tal-annessi u jippermettulhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċerti punti li l-qorti għandha tiegħu inkunsiderazzjoni. Għandu jiġi osservat li r-rekwiżiti dwar l-aċċess minn terzi għall-proċess, dwar l-anonimat u dwar l-ommissjoni ta' informazzjoni fil-konfront tal-pubbliku, li attwalment jinsabu fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, ma jinsabux fid-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni iżda ġew inklużi fir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda stess. Bl-istess mod, l-importanza tal-limitazzjoni dwar it-tul tan-noti ssaħħet permezz tal-inklużjoni, fil-livell tar-Regoli tal-Proċedura, tar-regola li sal-lum il-ġurnata kienet tinsab fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet. Il-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll il-konsegwenzi tan-nuqqas repetut li tiġi osservata huma deskritti fid-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni.

Il-[formola tal-għajnuna legali](#), prevista fir-Regoli tal-Proċedura, kellha tiġi adattata sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna legali għall-persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, mill-perspettiva formali, saret enfażi fuq l-informazzjoni maħsuba sabiex tiffaċilita l-komprensjoni minn persuni li ma jkunux irrappreżentati minn avukat. Il-formola l-ġdida tal-għajnuna legali, li ser tiġi ppubblikata fil-ĠUUE u li ser tkun aċċessibbli fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandha tibda tintuża mill-1 ta' Lulju 2015.

Fl-aħħar nett, it-**tliet check-lists** li għalihom jirreferu d-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni huma aċċessibbli fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dawn id-dokumenti, maħsuba sabiex jgħinu lir-rappreżentanti tal-partijiet, jipprovdu informazzjoni dwar il-mod kif għandha titħejja l-preżentazzjoni u kif għandha ssir il-preżentata ta' rikors ippreżentat fuq karta jew permezz tal-applikazzjoni e-Curia u dwar l-iżvolġiment tas-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

⁴ Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tal-5 ta' Lulju 2007 (ĠU L 232, p. 1), kif emendati fis-17 ta' Mejju 2010 (ĠU L 170, p. 53) u fl-24 ta' Jannar 2012 (ĠU L 68, p. 20).

⁵ Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 2012 (ĠU L 68, p. 23).